MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2023

Appell Inferjuri Numru 52/2022 LM

**Roseanne Zerafa Le-Gros (K.I. nru. 219770(M))**
*('l-appellata')*

***vs.***

**Jing Sun (K.I nru. 28081(A))**
*('l-appellanta')*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimata **Jing Sun (K.I. nru. 28081(A))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellanta'] mid-deċiżjoni [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mogħtija mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'I quddiem 'it-Tribunal'] fis-6 ta' Mejju, 2022, fil-Kwistjoni tax-Xoghol nru. 3637/18/AM deċiżjoni nru. 2821, fejn it-Tribunal laqa' it-talba tar-rikorrenti **Roseanne Zerafa**

**Le-Gros (K.I. nru. 219770(M))** [minn issa ’l quddiem ‘l-appellata’], u ordna li din kellha titħallas kumpens mingħand l-appellanta fis-somma ta’ €600.00 (sitt mitt Euro), filwaqt li ordna wkoll li Jobsplus kien tenut jagħmel il-korrezzjonijiet meħtieġa fl-*employment history sheet* tagħha sabiex tirrifletti d-deċiżjoni appellata.

**Fatti**

2. Il-fatti tal-proċeduri odjerni jirrigwardaw l-impjieg *part-time* indefinit tal-appellata mal-appellanta bħala *cleaner*, liema mpjieg ġie terminat fl-20 ta’ Jannar, 2018 allegatament għaliex hija kienet naqset milli teżegwixxi d-doveri tagħha kif mitluba.

**Mertu**

3. L-appellata għalhekk istitwiet proċeduri quddiem it-Tribunal fis-16 ta’ April, 2018 permezz ta’ rikors fil-konfront tal-appellanta, fejn talbet lit-Tribunal sabiex:

*i. Jiddikjara illi l-kuntratt ta’ impjieg tar-rikorrenti mal-intimata ġie terminat inġustament u mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi;*

*ii. Konsegwentement jiddikjara illi l-intimata hija responsabbli għall-ħlas ta’ kumpens lill-esponenti;*

*iii. Tillikwida l-kumpens dovut mill-intimata lill-esponenti;*

*iv. Tikkundanna lill-intimata sabiex tħallas lill-esponenti dik is-somma li tiġi hekk likwidata minn dan l-Onorabbli Tribunal bħala kumpens lilha dovut għat-tkeċċija inġusta mill-impjieg tagħha;*

*v. Tordna lill-intimata sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi stabbilit minn dan l-Onorabbli Tribunal hija tagħmel id-debiti korrezzjonijiet mat-Taqsima tal-Informazzjoni tar-Riżorsi Umani fi ħdan il-Jobsplus jew mad-dipartimenti u entitajiet relattivi sabiex it-terminazzjoni tal-impjieg tal-esponenti ma jibqax jidher li seħħ minħabba li l-esponenti naqset li tagħmel id-doveri tagħha skont kif mitluba u minflok ikun jirrifletti t-terminazzjoni tal-impjieg mingħajr raġuni valida fil-liġi;*

*Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimata."*

4. L-appellanta wieġbet billi preżentat r-risposta tagħha waqt is-seduta tal-1 ta' Ġunju, 2018 quddiem it-Tribunal, fejn iddikjarat is-segwenti:

*"...Ir-raġuni ta' terminazzjoni tagħha hija li ma kinitx tagħmel xogħolha sew bħala* cleaner*. Jien tkellimt magħha minnħabba r-rapport li rċevejna minn għand il-HCCP FOOD SAFETY INSPECTION REPORT fuq sanità. Bħala* cleaner *hi ma kinitx tagħmel xogħolha sew. Xahrejn qabel jiena kellimta iżjed minn darba li jekk ix-xogħol tagħha ma jilħaqx l-i*standards *li riedu tas-sànità nitterminala l-impjieg. Tajtha xahrejn ċans biex timpruvja x-xogħol tagħha imma r-riżultati li tawna tas-santità b'ritratti li bgħatulna jidher li ma mpruvjajtx."*

**<u>Id-deċiżjoni appellata</u>**

5. Dawn huma l-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal li wasluh għad-deċiżjoni tiegħu:

***"<u>Ikkunsidra</u>***

*B'mod ġenerali jidher li f'materja ta' tkeċċija mill-impjieg iridu jitħarsu dawn il-prinċipji rakkolti mid-duttrina Ingliża u dik kontinentali fuq is-suġġett:-*

*(1) L-addebitu tan-nuqqas jew tal-imġiba ħażina jrid ikun speċifiku, jiġifieri għandu jkun formulat b'mod ċar tal-aspetti essenzjali u materjali tal-fatt denunzjat. Mhux aċċettat allura li l-addebitu jkun bażat fuq sempliċi suspetti vagi jew ridott għall-allużjonijiet ġeneriċi;*

*(2) Ir-reazzjoni mill-prinċipal trid tkun wkoll waħda tempestiva. Jekk xejn, biex tikkonsentixxi lill-impjegat li jkollu difiża mmedjata, u daqstant ieħor effikaċi, biex jilqa' għall-akkużi fil-konfront tiegħu;*

*(3) Il-kontestazzjoni minn min iħaddem teżiġi, b'neċessità, li tkun immutabbli, jiġifieri, li jkun hemm korrispondenza bejn il-fatt kontestat u dak miġjub 'il quddiem bħala bażi ta' akkuża u tal-azzjoni dixxiplinarja dwaru;*

*(4) Ta' importanza, mbagħad, huwa l-prinċipju tal-proporzjonalità bejn l-addebitu u s-sanzjoni li tiġi komminata mill-prinċipal. Dan fis-sens illi l-provvediment dixxiplinarju jrid ikun in relazzjoni mal-għażla u l-miżura tas-sanzjoni u in rapport għall-gravità tan-nuqqas; s'intendi, valutata fl-entità tagħha, soġġettiva u oġġettiva.* ***(Qorti tal-Appell sede inf. Per Imħ Sciberras sentenza l-ewwel ta' Marzu 2006 Appell Ċivili numru 1/2005 fl-ismijiet Charlot Scerri vs St. Microelectronics (Malta) Limited.***

*(5)* ***Illi fil-kawża fl-ismijiet Eileen Leone Ganado vs Link School of Languages Limited deċiża fit-28 t'April 2017 mill-Qorti tal-Appell sede inferjuri per Imħ Ellul*** *il-Qorti tenniet illi:* 'Ovvjament kull każ irid jiġi deċiż skont iċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu. Hi kwistjoni ta' fatt:

1. Jekk l-impjegat huwiex ħati ta' kondotta ħażina;
2. Fl-affermattiv jekk dik il-kondotta għandix tagħti lok għat-tkeċċija.

Sabiex jasal għal deċiżjoni f'dan is-sens, ovvjament it-Tribunal irid iqis iċ-ċirkostanzi tal-każ partikolari li jkun qiegħed jiddeċiedi u li jirriżultaw mill-provi.'

*Illi meħuda dawn il-konsiderazzjonijiet legali mill-provi prodotti ma jirriżultax li kien hemm lok għat-tkeċċija tar-rikorrenti. Ix-xhieda mressqa kollha kkorraboraw dak li kienet qed tikkontendi r-rikorrenti ċioe' li hija kienet tagħmel xogħolha sew, li jekk kien hemm il-ħmieġ dan ma kienx tort tagħha iżda tort ta' min kien jidħol jaħdem wara li tnaddaf hi, li hija kienet taħdem biss erba' sigħat kuljum, li l-intimata kienet tibgħatha tnaddaf il-Pama fic-*Chinese Counter *li kellha hemmhekk u anke fid-dar personali tagħha. Minn imkien ma jirriżulta li l-intimata ħadet xi passi kontra dawk li kienu jħallu l-ħmieġ wara li jużaw il-kċina u kull fejn kienet tnaddaf ir-rikorrenti.*

*Kwantu għall-kumpens, mill-*employment history sheet *jirriżulta li hija bdiet taħdem fit-2 ta' Jannar 2017 u damet sal-20 ta' Jannar 2018. Fit-23 ta' Frar 2018 jirriżulta li r-rikorrenti bdiet taħdem* full-time *ma' Catania Cini Limited ukoll bħala* cleaner.

*Hija tħallset tal-*bonus *u* leave *dovuti lilha sal-20 ta' Jannar 2018 u paga jirriżulta li kellha Ewro 4670 gross mill-FS3 tagħha tas-sena 2017.*

*Li għalhekk dan it-Tribunal iqis bħala kumpens ġust u ekwu l-ammont ta' sitt mitt ewro (Ewro 600) bħala kumpens li l-intimata għandha tħallas lir-rikorrenti minnufih.*

*It-Tribunal jordna wkoll sabiex il-Jobsplus jagħmel il-korrezzjonijiet meħtieġa fl-*employment history sheet *tar-rikorrenti li jirriflettu din id-deċiżjoni.*

*Għall-finijiet ta' Avviż Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.*

*B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol."*

## L-Appell

6. L-appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fit-18 ta' Mejju, 2022, fejn qegħda titlob li din il-Qorti tilqa' l-aggravji tagħha, u tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata, u konsegwentement tiċħad it-talbiet kollha tal-appellata u tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-appellanta, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellata. Tgħid li l-aggravji tagħha huma dawn: (a) it-Tribunal għamel applikazzjoni ħażina tal-liġi fir-rigward tal-prinċipju ta' proporzjonalità li għandu jiġi mħares f'każ ta' tkeċċija mill-impjieg; (b) it-Tribunal għamel applikazzjoni ħażina tal-liġi meta fir-rigward tal-kumpens naqas milli jikkunsidra li l-appellata kienet għamlet ftehim magħha *"in full and final settlement".*

7. L-appellata wieġbet fit-28 ta' Marzu, 2023 fejn issottomettiet li d-deċiżjoni appellata hija waħda ġusta, u għalhekk jistħoqqilha li tiġi kkonfermata fl-intier tagħha.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

8. Il-Qorti ser tgħaddi qabel xejn sabiex tistħarreġ jekk l-appell odjern huwiex ammissibbli *ai termini* tas-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452. Tgħid li skont id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu, m'hemmx dubju li l-ewwel aggravju

tal-appellanta ma setax isir quddiem din il-Qorti. Filwaqt li l-appellanta tibda billi tissottometti li t-Tribunal għamel applikazzjoni ħażina tal-liġi, mill-ewwel tgħaddi sabiex tagħmel l-argument tagħha fil-mertu dwar il-kwistjoni ta' min kien responsabbli għall-ħmieġ fl-istabbilment kummerċjali operat mill-istess appellanta. Għaldaqstant il-Qorti hija prekluża milli tikkunsidra dan l-ewwel aggravju tal-appellanta.

9. L-appellanta tispjega li anki t-tieni aggravju huwa li t-Tribunal għamel applikazzjoni ħażina tal-liġi, iżda din id-darba fir-rigward tal-kumpens fejn naqas li jikkunsidra li l-appellata kienet iffirmat ftehim magħha li kien *"in full and final settlement".* Iżda hawnhekk ukoll il-Qorti ssib li l-appellanta ma tatx każ dak li jiddisponi għalih is-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452. Filwaqt li tirrileva li mhux minnu li t-Tribunal skarta l-ftehim li kellhom bejniethom il-partijiet fir-rigward tal-aħħar ħlas li għamlet l-appellanta lill-appellata, għaliex kif jidher saħansitra mid-deċiżjoni appellata, it-Tribunal stess kien ordna l-preżentata tad-dokument xhieda tal-ftehim, il-Qorti tirrileva li s-sottomissjonijiet tal-appellanta huma marbutin mal-interpretazzjoni tad-dokument li ġie ffirmat, u għalhekk dwar il-mertu, u konsegwentement l-appell odjern mhuwiex ammissibbli *ai termini* tas-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452.

## <u>Decide</u>

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiddeċiedi billi tiddikjara l-appell odjern irritu u null, u tastjeni milli tieħu konjizzjoni tiegħu.**

**L-ispejjeż tal-appell odjern għandhom ikunu a karigu tal-appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**